MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 940/2008

**Anthony Farrugia f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' l-assenti Joseph Farr, Elvira Pace O'Shea, Lorenza *sive* Lilly Farrugia, Giovanna Creswell-Forrester, Rosemarie Darke, Walter Patrick Farrugia u Joyce James; Yvonne Hawkins, Ronald Farrugia, Pierre Farrugia, Eric Stanley Farrugia, Elizabeth Attard, Mary *sive* May Farrugia, Alex Farrugia, Raymond Farrugia u Maria Farrugia**

**-vs-**

**Wailin Grech**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond 75, St. John Street, Valletta.

2. Illi l-fond imsemmi kien mikri lil Maria Austin, armla minn James, li mietet fl-10 ta' Ġunju, 1999 u dan skond ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bħala Dokument A.

3. Illi l-fond imsemmi huwa okkupat mill-konvenut Wailin Grech li la hu membru tal-familja tagħha u la jiġi minnha mid-demm u / jew kollateralment biex b'hekk qatt ma jista' jippretendi a tenur tal-Liġi li huwa wiret il-kirja in kwistjoni. Kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, hawn anness u mmarkat bħala Dokument B.

4. Illi l-atturi talbu lill-konvenut biex jiżgombra mill-fond in kwistjoni u jirritorna ċ-ċwievet tal-fond anki permezz ta' ittra uffiċjali tat-2 ta' Lulju, 2008, li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument C pero' baqa' inadempjenti.

5. Illi fiċ-ċirkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jiġi deċiż bid-dispensa tas-smiegħ billi l-konvenut m'għandu ebda eċċezzjoni valida fil-liġi xi jressaq kontra t-talba ta' l-atturi għall-konsenja minnu lilhom taċ-ċavetta u l-pussess battal ta' l-imsemmi fond 75, St. John Street, Valletta.

6. Illi l-atturi jafu personalment il-fatti għal dak li jirrigwarda dak kollu premess. Dwar dan jistrieħu wkoll fuq ix-xhieda ta' dawk il-persuni kollha ndikati fil-lista tax-xhieda annessa ma' dan ir-rikors.

Għaldaqstant jgħid il-konvenut intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensati mis-smiegħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikolu 167/170 għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba ta' l-atturi bid-dispensa tas-smiegħ tar-rikors *ai termini* ta' l-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex f'terminu qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti jikkonsenja lill-atturi ċ-ċavetta u l-pussess battal tal-fondi numru 75, St. John Street, Valletta *stante* li dawn jinsabu f'idejh bla ebda titolu legali u konsegwentement jirrilaxxja l-istess immobbli bħala liberi u vojta favur l-atturi.

Bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Lulju, 2008, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda;

Rat il-verbal tal-15 ta' Ottubru 2008 li permezz tiegħu l-konvenut ġie awtorizzat jippreżenta risposta ġuramentata;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat ir-risposta tal-konvenut ppreżentata fl-20 ta' Ottubru 2008 li biha espona bil-qima:

Illi r-rikorrenti Anthony Farrugia jrid jagħti prova tal-mandat tiegħu biex jirrappreżenta lill-assenti Joseph Farr, Elvira Pace O'Shea, Lorenza *sive* Lily Farrugia, Giovanna Creswell-Forrester, Rosemarie Darke, Walter Patrick Farrugia u Joyce James fi proċeduri ġudizzjarji f'dawn il-gżejjer.

Illi r-rikorrenti kollha jridu wkoll jagħtu prova ta' l-interess ġuridiku tagħhom billi jipprovaw li huma proprjetarji kif allegat.

Illi l-esponenti għandu titolu validu biex ikompli jġedded il-lokazzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet ta' Maria Austin bis-saħħa tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li trabba mill-inkwilina Maria Austin sa minn mindu kellu sena u baqa' jgħix magħha b'mod permanenti u kontinwu sal-gurnata tal-mewt tagħha kif sejjer jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni u għaldaqstant kien jifforma parti mill-familja tagħha għall-finjiet ta' l-istess Kap 69.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawż ma tippreżntax diffikoltajiet. Il-konvenut qed jivvanta titolu ta' lokazzjoni *ai termini* tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex kien joqgħod ma' inkwilina tal-fond in kwistjoni, Mary Austin, li mietet fl-1999.

Jidher ben ċar pero' li l-konvenut ma jistax jivvanta dan it-titolu għaliex *ex admissis*, huwa ma kien jiġi xejn mill-istess Mary Austin li rabbietu minn ċkunitu. Għalhekk billi l-Kap. 69 jipproteġi *"membri tal-familja li jkunu joqogħdu miegħu (mal-kerrej) fiż-żmien tal-mewt tiegħu"* (artiklu 2 c), huwa ċar li l-konvenut ma jgawdix din il-protezzjoni.

Il-konvenut eċċepixxa li l-atturi għandhom juru li huma l-propjetarji iżda ma hemmx dubbju li *sia pure* dawn ma ressqux provi dokumentarji, huma l-propjetarji tal-fond in kwistjoni, ħaġa anke rikonoxxuta mill-konvenut li *tramite* l-Avukat tiegħu talab li jixtri l-fond mingħandhom u offra anke prezz għalih.

Dwar il-prokura l-atturi ipproduċew id-dokumenti fil-kors tat-trattazjoni tal-kawża.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba *stante* d-digriet tal-15 ta' Ottubru 2008, tilqa' t-tieni talba attriċi u għall-fini tal-iżgombrament tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur; l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------